MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Numru. 544/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**vs**

**Simon Bartolo ta' 51 sena bin Joseph u Emanuela nee Lautier, imwieled Pieta` fis-6 ta' Jannar, 1969 u joqghod Nru 3, Sqaq il-Kuncizzjoni, Bormla detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 39869(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat:

1. talli fis-27 ta' Frar, 2010 u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa Cospicua u f'postijiet ohra gewwa Malta, mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' valuta EURO, meta kien jaf li huma falsifikati;

(Dan bis ksur ta' l-artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghax xi persuna, kif ukoll kellek fil-pussess tieghek, buljett tal-flus valuta EURO, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;

(Dan bis ksur ta' l-artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. u aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza mghotija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenza hia definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U aktar talli nhar is-16 ta' Frar , 2011 gewwa l-ghassa tal-Hamrun:

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat ghandu problemi ta'

sahha serji u ghandu bzonn il-kura regolari u kwindi piena karcerarja effettiva mhix idonea. Illli meta tigi biex tqis l-akkuza tar-recideiva il-
Qorti ser tapplika biss id-dispost tal-artikolu 49 tal-Kap 9 u dana pero peress illi l-ahhar kundanna li kien hemm fil-konfront tal-imputat twassal ghal Jannar 2010 meta l-akkuza tirreferi ghal Frar 2010

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, 17h u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-senteza.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 50 tal-Kaptiolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-Awtoritajiet tal-Bank Centrali sabiex jghaddu ghad-distruzzjoni ta’ Dok CP2 sa CP5.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------